**Ruling mill-Ispeaker l-Onor. Anġlu Farrugia, fis-Seduta 259 tas-7 ta' Ottubru 2024 dwar tweġibiet għal mistoqsijiet parlamentari**

Fis-Seduta 258 tal-15 ta' Lulju 2024, li kienet l-aħħar seduta qabel ma l-Parlament aġġorna għall-btajjel tas-sajf, l-Onor. David Agius talab lis-Sedja:

> "Sur President, għamilt il-mistoqsija parlamentari numru 20668 lill-Ministru Byron Camilleri, fejn tlabtu l-kuntratt il-ġdid tal-Kummissarju tal-Pulizija. Irċevejt karta waħda, li hi l-ħatra. Ma naħsibx li l-kuntratt huwa l-ħatra. Jien tlabt kopja tal-kuntratt. Ma nafx forsi ġietx aktar tard bi żball.".

Is-Sedja rat il-mistoqsija parlamentari li saret mill-Onor. David Agius lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol fit-8 ta' Lulju 2024 bis-suġġett Kummissarju tal-Pulizija - Kuntratt, u nikkwota:

> "Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-kuntratt il-ġdid (jew li għadu kif ġie mġedded) tal-Kummissarju tal-Pulizija?"

Fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2024 il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol wieġeb hekk:

> "Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qiegħda titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.".

Is-Sedja tinnota d-dokument mqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol, li jikkonsisti f'żewġ ittri mill-Prim Ministru lill-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà.

Nikkwota l-ewwel dik datata 22 ta' Ġunju 2020:

> "Għandi pjaċir ngħarrfek li wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, qed naħtrek Kummissarju tal-Pulizija, fi Grad 2 (Skala ta' Salarja Nru 2), b'seħħ mit-22 ta' Ġunju 2020. Inti jkollok ukoll id-dmir li taqdi xogħlijiet oħra li l-Gvern jista' jgħidlek biex tagħmel.
>
> Din il-ħatra taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu qegħdin iseħħu dwar is-Servizz Pubbliku u speċjalment bil-kundizzjoni li tista' tiġi ttrasferit skont il-ħtiġijiet tas-Servizz. F'każ li tiġi ttrasferit u minħabba f'hekk ikun hemm xi tibdil fid-dmirijiet tiegħek, dan fih innifsu, ma jagħtik dritt għal ebda ħlas ieħor.".

Nikkwota issa dik datata 28 ta' Ġunju 2024:

> "Għandi pjaċir ngħarrfek li wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, qed nerġa' naħtrek Kummissarju tal-Pulizija, fi Grad 2 (Skala ta' Salarja Nru 2), b'seħħ mit-22 ta' Ġunju 2024. Inti jkollok ukoll id-dmir li taqdi xogħlijiet oħra li l-Gvern jista' jgħidlek biex tagħmel.
>
> Din il-ħatra taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu qegħdin iseħħu dwar is-Servizz Pubbliku u speċjalment bil-kundizzjoni li tista' tiġi ttrasferit skont il-ħtiġijiet tas-Servizz. F'każ li tiġi ttrasferit u minħabba f'hekk ikun hemm xi tibdil fid-dmirijiet tiegħek, dan fih innifsu, ma jagħtik dritt għal ebda ħlas ieħor.".

Is-Sedja, filwaqt li tagħmel referenza għal diversi rulings li tat dwar il-fatt illi s-Sedja m'għandha l-ebda kontroll fuq it-tweġiba li jagħti Ministru, tagħmel referenza partikolari għar-ruling li tat fis-Seduta Nru 36 tal-24 ta' Ottubru 2022 dwar dak li huwa kontenut ta' risposta għal domandi parlamentari, fejn kienet qalet hekk:

> "Is-Sedja rat it-tweġibiet mogħtija għal dawn il-mistoqsijiet, li f'kull każ ġew imwieġba illi t-tweġiba tingħata f'seduta oħra. Is-Sedja għal darb'oħra terġa' ttenni illi hija ma għandhiex mansjoni fuq tweġibiet li jingħataw għal mistoqsijiet parlamentari magħmula lilhom.".

Is-Sedja dejjem għamlitha ċara illi l-Ordnijiet Permanenti ma jtuha l-ebda mansjoni sabiex tistħarreġ dwar jekk risposta mogħtija minn Ministru tal-Gvern fil-fatt tirrispondix dak li jkunu qed isaqsu l-interpellanti. Kif tispjega dejjem, il-poteri tas-Sedja huma biss fuq l-għemil ta' mistoqsijiet, u dan kif regolat mill-Ordnijiet Permanenti 26 sa 32. Min-naħa l-oħra ma hemm l-ebda regolament, la fl-Ordnijiet Permanenti u lanqas f'xi liġi, li jagħti s-setgħa lis-Sedja tidħol fit-tweġibiet li jagħżlu li jagħtu l-Ministri.

Is-Sedja, kif tagħmel meta r-regoli tal-Kamra jkunu siekta dwar xi materja, tara x'inhuma r-regoli u l-prassi tal-House of Commons tar-Renju Unit. Hawn nikkwota mill-Erskine May, li f'paragrafu 22.7 dwar 'Speaker's control of questions' jgħid illi:

> "The Speaker's responsibility for questions is limited to their compliance with the rules of the House. Responsibility in other respects rests with the Member who proposes to ask the question, and responsibility for answers rests with Ministers."

Is-Sedja tikkwota wkoll lill-Ex Speaker tal House of Commons John Bercow fis seduta parlamentari tat 28 ta' Novembru 2001 meta nqalgħet il kwestjoni dwar risposti parlamentari għal domandi li jistgħu jinħassu li mhumiex preċiżi, jew li jistgħu jagħtu suspett li l-fatti mhumiex daqshekk ċari, jew addirittura ma jkunux veritieri. Dakinhar l-Ispeaker Bercow qal hekk:

> "It would be unwise for me to express a view on the adequacy of a particular Ministerial answer. There are bound to be two views on that, and neither is a matter for me."

Din hija l-pożizzjoni li dejjem ħadet is-Sedja, inkluż fid-diversi talbiet f'dan ir-rigward li kellha anke matul din il-Leġiżlatura. F'dawn ir-rulings, però, is-Sedja fakkret dwar 'l-importanza li l-mistoqsijiet parlamentari jiġu mwieġba [mill-Ministri], u dan fi żmien raġjonevoli' (S154, 11 ta' Ottubru 2023, S155, 16 ta' Ottubru 2023), u dan għaliex 'tagħraf l-importanza tar-rwol ta' skrutinju li għandha l-Kamra permezz tal-għemil ta' mistoqsijiet parlamentari...' (S138, 26 ta' Ġunju 2023, S73, 10 ta' Jannar 2023, S36, 24 ta' Ottubru 2023, S29, 5 ta' Ottubru 2023).

Is-Sedja tħeġġeġ fir-ċirkostanzi lill-Onor. Agius sabiex jekk jibqa' tal-fehma li t-tweġiba mogħtija lilu ma hix sodisfaċenti għandu jinsisti għal tweġiba billi jerġa' jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Din hija l-istess pożizzjoni tal-House of Commons Kanadiża, fejn jingħad illi:

> "There are no provisions in the rules for the Speaker to review Government responses to questions. Nonetheless, on several occasions, Members have raised questions of privilege in the House regarding the accuracy of information contained in responses to written questions; in none of these cases was the matter found to be a *prima facie* breach of privilege. The Speaker has ruled that it is not the role of the Chair to determine whether or not the contents of documents tabled in the House are accurate, nor to "assess the likelihood of an Hon. Member knowing whether the facts contained in a document are correct.".[1]

Minn dan huwa ċar illi l-fatt li s-Sedja m'għandha l-ebda mansjoni li b'xi mod tissindika l-kontenut ta' dokument li jkun ġie ppreżentat minn Ministru għal mistoqsija parlamentari ma hux uniku għal Malta. Minkejja dan, bħalma jaf l-Onor Membru, is-Sedja dejjem tirrakkomanda li l-Membri jingħataw informazzjoni preċiża u korretta għall-interpellanzi tagħhom sabiex dan il-mekkaniżmu parlamentari jkun jista' tassew jilħaq l-għan li hu intiż għalih.

Ir-ruling huwa deċiż.

[1] Written Questions - https://www.ourcommons.ca/procedure/procedure-and-practice-3/ch_11_2-e.html